

32004D0701

20.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 319/15

## DEĊIZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Ottubru 2004

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

(2004/701/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 207(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi mibnija l-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,

Billi :

- (1) L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi mibnija l-Unjoni Ewropea emenda, b'effett mill-1 ta' Novembru 2004, id-disposizzjonijiet tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' l-ippeżar ta' voti fil-Kunsill.

- (2) Skond l-Artikolu 205(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni msemmi hawn fuq, meta deċizzjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li ssir verifika li l-Istati Membri li jiffurmaw il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet.

- (3) Biex isir dan, jeħtieġ li tiġi stabbilita, skond id-data mogħtija mill-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċifra tal-popolazzjoni totali għal kull Stat Membru għal perijodu ta' sena u li jiġi provdut aġġornament annwali ta' dawn iċ-ċifri.

- (4) Il-punt IV, A, tar-Rakkomandazzjonijiet għaċ-Ċensiment ta' Popolazzjoni u Djar ta' l-2000 fir-Reġjun tal-KEE, imhejjja b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, jiddefinixxi l-kunċett ta' popolazzjoni totali ta' Stat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2004 (2004/338/CE, Euratom) <sup>(2)</sup> huwa emendat kif ġej:

<sup>(1)</sup> ĠU L 236 ta' 23.9.2003, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 106 tal-15.4.2004, p. 22.

## 1) Paragrafu 5 ġdid għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 11:

“5. Meta deċiżjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandha ssir verifika li l-Istati Membri li jiffurmaw din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni kkalkolata abbażi ta' ċifri tal-popolazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' l-Anness IIa.”

## 2) Wara l-Anness II, jiddaħħal l-Anness li ġej:

“ANNEX IIa

**REGOLI DETTALJATI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOZZJONIJET DWAR L-IPPEŻAR TAL-VOTI FIL-KUNSILL**

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 205(4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Artikolu 118 (4) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005 hija kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni (x1 000)
Il-Ġermanja	82 531,7
Franza	61 684,7
Ir-Renju Unit	59 651,5
L-Italja	57 888,2
Spanja	42 345,3
Il-Polonja	38 190,6
L-Olanda	16 258,0
Il-Greċja	11 041,1
Il-Portugall	10 474,7
Il-Belġju	10 396,4
Ir-Repubblika Ċeka	10 211,5
L-Ungerija	10 116,7
L-Isvezja	8 975,7
L-Awstrija	8 114,0

Stat Membru	Popolazzjoni (x1 000)
Id-Danimarka	5 397,6
Is-Slovakkja	5 380,1
Il-Finlandja	5 219,7
L-Irlanda	4 027,5
Il-Litwanja	3 445,9
Il-Latvja	2 319,2
Is-Slovenja	1 996,4
L-Estonja	1 350,6
Ċipru	730,4
Il-Lussemburgu	451,6
Malta	399,9
<b>Totali</b>	<b>458 599,0</b>
<b>Livell minimu (62 %)</b>	<b>284 331,4</b>

*Artikolu 2*

1. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej id-data dwar il-popolazzjoni totali tagħhom kif kienet fl-1 ta' Jannar tas-sena attwali.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu, skond id-data disponibbli lill-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jemenda ċ-ċifri stabbiliti fl-Artikolu 1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiegħu effett fil-jum li tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2004.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-11 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT